# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 66/2021

**Il-Pulizja**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**Vs**

**James Zammit**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra James Zammit, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535884M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli;

1. Nhar id-29 t'Ottubru 2019 ghall-habta ta' 20:50 bhala sid tal-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni EBC 006, naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta
2. Fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Telghet il-Kurcifiss, Floriana, kellu vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni EBC

006 fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkulazzjoni validu jew diska ta' licenzja temporanja valida, mahruga mill-istess Awtorita'(L.S.368.02, Art.13(2));

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna ma kienetx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3(1)).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija l-hati jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Frar 2021, li biha sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni izda hati tat-tieni imputazzjoni izda ma erogat l-ebda piena ghar-ragunijiet hemm infraskritti;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Marzu 2021 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn ma sabitx htija fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u fejn sabet htija u **thassarha** f'dik il-parti fejn ma mponietx piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fejn sabet htija u minflok tinfliggi piena skont il-ligi fir-rigward tal-istess tieni imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell interpost mill-Avukat Generali bil-gravam singolari li l-ewwel Qorti naqset milli tikkomina piena dwar it-tieni imputazzjoni minkejja li sabet lill-imputat appellat hati taghha. L-appellat kien imputat bi tlett fatti u l-ewwel Qorti lliberatu mill-ewwel u mit-tielet wahda izda kwantu t-tieni imputazzjoni, minkejja li sabitu hati dwarha ddikjarat li ma hemmx piena applikabbli ghar-reat in kwistjoni u ghalhekk ma setghetx tinfliggi piena fuq l-imputat;

2. Illi *stricto jure* meta Qorti tonqos milli teroga piena wara sejbien ta' htija jista' jkun hemm lok ghal-konsiderazzjonijiet dwar possibbli nullita' tas-sentenza u dan minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.** (sottolinear tal-Qorti)

3. Issa fil-kaz in disamina jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha ssib karenza konsistenti f'nuqqas ta' formalita' essenzjali bhal ma hija nuqqas ta' kominazjoni ta' piena imbaghad jirrizulta illi huwa minnu li ma hemmx piena prevvista ghall-dak ir-reat, allura l-ezercizzju jkun wiehed inutili. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina c-cirkostanzi kollha u f'kaz li jirrizulta li l-

ewwel Qorti setghet teroga piena allura tghaddi sabiex taghti dik il-piena skond il-ligi;

4. Illi, l-imputat ma appellax dwar is-sejbien ta' htija fit-tieni reat ravvizat fir-regolament 13(2) tal-LS 368.02 (Avviz Legali 198 – 2009 kif emendat) li jipprovdi hekk:

> **(2). L-ebda vettura bil-mutur ma tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli,maħruġa mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att.**

5. Illi minn dak li jemergi mill-atti processwali, il-vettura in kwistjoni kienet qed tinstaq fit-triq meta s-sewwieq taghha twaqqaf mill-Pulizija ghaliex il-vettura kienet f'nofs tat-triq u s-sewwieq, li ma kienx l-imputat odjern, kien qed juza t-telefon tieghu fl-istess waqt li qed isuq. Rapprezentant ta' Trasport Malta xehed illi l-vettura hija registrata fuq l-imputat u li l-licenzja tal-vettura kienet skadiet fil-31 ta' Mejju, 2019. Jirrizulta ukoll illi l-vettura kienet tinsab fil-pussess tas-sewwieq li huwa *dealer* tal-karozzi stante li din kienet fl-istess garage fejn izomm il-vetturi tieghu u ried johrog l-istess biex icaqlaq il-vettura. Illi ghalhekk meta l-ewwel Qorti sabitu hati tat-tieni imputazzjoni sabitu hati tal-uzu tal-vettura fi triq minghajr ma kellha licenzja valida u mhux ghaliex ma kelliex l-licenzja, ossia d-diska mahruga mill-Awtorita' mwahhla mal-*windscreen*;

6. Ir-regolament 44 li jiprrovdi ghal-pieni applikabbli ghal-ksur tal-provvedimenti ta' dan l-Avviz Legali fis-sub-regoalment 7 (a) tieghu jipprovdi hekk ghall-piena ghal dan il-fatt:

**(a) Sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma l-vettura jkollha li'enza [licenzja] .................................. mhux aktar minn €235 jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur.**

L-ewwel Qorti korrettament sabet lill-imputat hati li halla vettura fit-triq minghajr ma kienet licenzjata. Kif korrettament osservat ukoll mill-istess Qorti tal-Ewwel Grad, ir-regolament ma jipprovdix ghal-piena dwar il-fatt. Ghalhekk filwaqt illi mhux applikabbli s-sub-regolament (a) dak l-aktar vicin huwa s-subregolament 7 (c) tar-regolament 44:

**(c) sewqan, jew tħallija fit-triq, ta' vettura mingħajr il-liċenza ma tkun imwaħħla mal-windscreen tal-vettura jew mal-manubriju taċ-ċikletta bil-mutur ..................................... €25**

L-appellat, izda, ma kienx imputat b'nuqqas li saq il-vettura jew halla l-vettura fit-triq meta din ma kellhiex id-diska mwahhla mal-*windscreen* izda li halla l-vettura fit-triq, meta ma kelliex licenzja u dan dovut ghall-fatt illi l-licenzja kienet skaduta. Lanqas ma kien imputat li naqas milli jwahhal id-diska tal-licenzja fuq il-*windscreen* u din hija l-qofol tal-kwistjoni li gustament kienet rinfaccjata biha l-ewwel Qorti ghaliex ghalkemm ir-regolament jikkwalifika l-agir ta' imputat bhala reat ma jipprovdix ghal-piena tieghu. U l-ewwel Qorti kellha ragun in rigward bil-konsegwenza li ma setghetx teroga piena ghal dak il-ksur;

7. Tajjeb li obiter jkun osservat ukoll, kif gia osservat f'sentenza precedenti ta' din il-Qorti, illi r-Regolament 44 jirravizza difett

serju meta jonqos, in parti, li jiddiskrivi l-piena bhala multa jew ammenda. Filwaqt illi fl-ewwel parti tar-Regolament 44 kull min jinsab hati bi ksur tar-regolament (1) sa (5) jista' jehel multa ta' mhux aktar minn €1,200 jew prigunerija mhux aktar minn sitt xhur, il-piena ghall-kontravvenzjoni tar-regolamenti l-ohra huma dawk li jsegwu li tnejn minnhom huma riprodotti *supra*. Issa, minn dawn ir-riproduzzjonijiet ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk dawk ic-cifri humiex multa jew ammenda u skond l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, l-piena pekunarja li tista' tinghata ghad-delitti hija l-multa fil-waqt li dik pekunarja ghall-kontravvenzjonijiet hija l-ammenda. Filwaqt illi huwa evidenti illi l-kelma "kontravvenzjoni" fir-Regolament 44 tfisser "ksur", l-piena ghal dak il-ksur la hi multa u lanqas ammenda. Dan kien osservat fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Sammut App Krim 85/2015 tat-30 t'Ottubru, 2017 izda r-Regolament ghadu jaqra hekk sal-lum;

8. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud.